# Traffikar ta' Persuni

## X`inhu t-traffikar ta' persuni?

It- traffikar ta' persuni ġie definit fil-**"**Protokoll Għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment ta' Nisa u Tfal" (magħruf bħala il-"Protokoll ta' Palermo") li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (UNTOC), li Malta rratifikat fl-24 ta' Settembru 2003.

Hemm aċċess għall-Protokoll ta' Palermo fuq dan is-sit:

http://www.uncjin.org/Documents/Conventions/dcatoc/final_documents_2/convention_%20traff_eng.pdf

It-traffikar ta' persuni ġie ukoll definit fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2010 dwar l- "Azzjoni kontra t-Traffikar ta' Persuni", magħrufa bħala l-Konvenzjoni ta' Varsavja (http://conventions.coe.int/Treaty/EN/Treaties/Html/197.htm).

Reat ta' traffikar ta' persuni jinvolvi ksur tal-provvedimenti tal- *Kodiċi Kriminali* (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) li jaqa' taħt is-subtitolu 'Fuq it-Traffikar ta' Persuni'. (http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8574&l=2).

Persuna tista' tiġi akkużata b'reat ta' traffikar ta' persuni jekk din tisfrutta persuna oħra:

(a) fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi (li jinkludu xogħol taħt kundizzjonijiet li jmorru kontra l-istandards li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, prostituzzjoni u servizzi oħra relatati mas-sess);
(b) fil-jasar jew prattiċi simili għall-jasar;
(ċ) fl-iskjavitù;
(d) f'attivitajiet assoċjati mal-elemosina; jew
(e) f'attivitajiet oħra li jinkludu t-tneħħija ta' organi.

Persuna tiġi akkużata bi traffikar ta' persuni jekk ikun **hemm sfruttament ta' persuna tal-età (tmintax –il sena jew aktar) b'xi wieħed minn dawn il-meżżi:**

(a) vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna;
(b) qerq jew ingann;
(ċ) użu ħażin tal-awtorità, influenza jew pressjoni; jew
(d) li wieħed jagħti jew jirċievi ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna oħra.

Jekk il-vittma tkun minuri (taħt it-tmintax –il sena), il-persuna li tkun abbużat minnha tkun meqjusa bħala traffikant anke jekk il-meżżi msemmija fuq (bħal vjolenza jew theddid) ma jkunux intużaw. Għalhekk, jekk ngħidu aħna minuri jiġi mħajjar u trasportat f'Malta għall-fini ta' sfruttament sesswali, il-persuna li tkun wettqet dan xorta waħda tkun tista' titressaq il-Qorti bħala traffikant ta' persuni anke jekk il-minuri ma jkunx insteraq, u/jew intużat il-vjolenza fuqu w/jew it-traffikant ma jkun fl-ebda mument qarraq bih.

**Ħafna drabi jiġri li traffikant ta’ persuni iġiegħel persuna oħra biex tagħmel xi azzjoni jew tagħmel xi xogħol kontra l-volontà tagħha. Għaldaqstant, it-traffikar ta’ persuni huwa reat li jmur kontra l-libertà u d-dinjità tal-bniedem.**

It-traffikar ta’ persuni mhuwiex kuntrabandu ta’ migranti. Filwaqt li traffikar ta’ persuni huwa bbażat fuq sfruttament, il-kuntrabandu ta’ migranti huwa bbażat fuq transport.

Il-kuntrabandu ta’ migranti, li ġie definit fil-UNTOC “Protokoll kontra l-Kuntrabandu ta’ Migranti bl-Art, bil-Baħar jew bl-Ajru”, (http://www.uncjin.org/Documents/Conventions/dcatoc/final_documents_2/convention_smug_eng.pdf), hija l-attività li tinvolvi persuna tiġi trasportata f’Malta bi ksur tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta’ Malta) (http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8722&l=2).

Għaldaqstant, il-kuntrabandist jkun involut fit-trasport illegali, jew fil-faċilitazzjoni tat-trasport illegali ta’ migranti minn Stat ieħor għal Malta. Vice versa, kuntrabandist ta’ migranti jista’ wkoll jiffaċilita t-trasport illegali ta’ migrant minn Malta għal Stat ieħor.

Dan ifisser li kuntrabandist jiffaċilita l-immigrazzjoni irregolari, u r-relazzjoni tiegħu mal-persuna li jkun ikkuntrabanda hija bbażata fuq ħlas ta’ somma minn din il-persuna għas-servizz ta’ transport irregolari li tkun irċeviet.

## Il-Vittmi tat-traffikar ta’ persuni: Min huma? Kif jiġu abbużati?

*Traffikar għall-fini ta’ Sfruttament Sesswali*

Il-vittmi ta’ traffikar għall-fini ta’ sfruttament sesswali jistgħu jkunu nisa jew irġiel, bniet jew subien. Studenti u persuni li jkunu qed ifittxu impieg jistgħu jispiċċaw vittmi ta’ traffikar ta’ persuni għal sfruttament sesswali, għaliex it-traffikanti jwegħduhom impieg jew opportunitajiet ta’ edukazzjoni aħjar barra minn pajjiżhom.

Ħafna drabi t-traffikanti jheddu u jżommu l-vittmi taħt il-kontroll tagħhom. Dan il-kontroll jista’ jinżamm jew billi jaqflu fiżikament il-vittma, jew inkella b’mezzi li ma jkunux daqshekk ovvji bħal theddid li jagħmlu xi ħsara lill-membri tal-familji fil-pajjiż tagħhom jew permezz ta’ servitù minħabba dejn (debt bondage).

Jista’ wkoll jagħti l-każ li persuna tiddeċiedi intenzjonalment li taħdem fl-industrija tas-sess, inkluża l-prostituzzjoni, pero li konsegwentement tiġi sfurzata biex tkompli tipprovdi dawn is-servizzi relatati mas-sess jew mal-prostituzzjoni. F’każijiet bħal dawn, il-liġi xorta waħda tagħraf lill-isfruttatur bħala traffikant ta’ persuni u lill-vittma tiegħu bħala vittma ta’ traffikar ta’ persuni.

*Traffikar għal xogħol sfurzat*

Persuna tista’ tingħata ‘għajnuna’ (inkluż b’mezzi leċiti) minn traffikant biex tivvjagga f’pajjiż ieħor sabiex tibda xi xogħol hemmhekk. Il-vittma tiġi mogħtija xi tip ta’ xogħol, ħafna drabi mhux mħallas biżżejjed, u wara jgħidulha li trid tagħti lura xi ħlas lit-traffikkant tal-‘għajnuna’ għall-arranġament tal-vjagg u/jew affarijiet oħra. B’hekk ħafna drabi tinħoloq

sitwazzjoni ta' servitù minħabba d-dejn (debt bondage), l-aktar minħabba l-interessi b'rata għolja li f'ħafna każi l-vittma jkollha tħallas.

Ħafna drabi dawn il-vittmi jkunu mħaddma mit-traffikant stess jew minn xi msieħeb qrib tiegħu, u jinżamm kontroll fuqhom b'diversi mezzi, inkluż li jiġu maqfula fiżikament. Jista' jkun hemm każijiet fejn il-vittmi ma jkunux jafu l-lingwa tal-pajjiż fejn jkunu qed joqogħdu, u b'hekk tiżdied il-vulnerabilità tagħhom minħabba li ma jkunux jistgħu jikkomunikaw. Jista' jkun ukoll li dawn il-vittmi jkunu qegħdin jgħixu u jaħdmu f'kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol li ma jkunux konformi mal-liġijiet tax-xogħol u l-impieg, u minbarra dan jkunu qed jaħdmu għal numru ta' sigħat twal iżżejjed.

*Forom oħra ta' traffikar*

Fl-Ewropa u bnadi oħra hemm forom oħra ta' traffikar, li jinkludu traffikar ta' tfal għall-fini ta' kriminalità minuri u attivitajiet ta' elemosina, kif ukoll għat-tneħħija tal-organi, fost oħrajn.

It-traffikar ta' persuni huwa fenomenu li jinbidel kontinwament, b'forom ta' sfruttament u kategorija ta' vittmi li maż-żmien jistgħu jinbidlu.

*Każijiet ta' traffikar ta' persuni f'Malta*

F'Malta, l-każijiet ta' traffikar li kien hemm s'issa kienu jinvolvu l-isfruttament sesswali tan-nisa, b'vittmi prinċiplament mill-Ewropa tal-Ilvant li jkunu daħlu f'Malta b'mod legali.

Investigazzjonijiet u proċeduri relatati ma' każijiet oħra, inklużi każijiet ta'allegat traffikar ta' persuni għal sfruttament ta' xogħol, għadhom għaddejjin.

**<u>Jista' jkollok sehem int ukoll: Indikaturi ta' Traffikar ta' Persuni</u>**

Il-vittmi ta' traffikar ta' persuni jinsabu f'diversi sitwazzjonijiet. Kwalunkwe persuna, professjonist jew xort'oħra (per eżempju xi ġar), jista' jiltaqa' ma' vittmi ta' traffikar ta' persuni u jista' jkollha sehem importanti biex dawn jiġu identifikati.

X'inhu indikatur ta' traffikar ta' persuni?

Indikatur huwa xi fatt jew anke xi attitudni ta' persuna li jistgħu jindikaw sitwazzjoni ta' traffikar ta' persuni, peress illi dak il-fatt jew dik l-attitudni jkunu spiss assoċjati ma' sitwazzjoni ta' traffikar ta' persuni.

L-indikazzjonijet hawn taħt juru x'wieħed għandu jfittex meta jiltaqa' ma' vittmi potenzjali:

- Il-vittma għandu fil-pussess tiegħu d-dokumenti tal-identifikazzjoni u tal-ivjaġġar; jekk le min qed iżomm dawn id-dokumenti?

*Ftakar li traffikant jipprova jieħu f'idejh l-kontroll tal-vittmi tiegħu, u għaldaqstant jista' jipprova jżomm id-dokumenti fil-pussess tiegħu.*

- Jidhirlek li l-vittma għandha nuqqas ta' fiduċja lejn l-awtoritajiet?

*Ftakar li jista' jkun li lill-vittma jkunu qalulha li jekk tinqabad mill-awtoritajiet tista' tiġi deportata, jew issofri xi konsegwenzi oħra mhux mixtieqa. Il-qerq għandu rwol ewlieni fit-traffikar ta' persuni.*

- Jidhirlek li l-vittma għandha libertà ta' moviment limitat jew ikkontrollat?

*Ftakar li hemm xi traffikanti li jżommu kontroll fuq il-moviment fiżiku stess tal-vittmi tagħhom u f'xi każijiet jibagħtu lil xi ħadd biex joqgħod magħhom kull fejn imorru.*

- Il-vittma kienet mħajjra għal ċertu xogħol u sfurzata biex tagħmel xi xogħol differenti?

*Ftakar li l-qerq  u l- ingann huma fatturi prinċipali fir-reati ta'  traffikar ta' persuni.*

*Qabel ma jitilqu minn pajjiżhom lill-vittmi jwegħduhom impiegi speċifiċi bi ħlas tajjeb, li jista' jkun jinkludu xogħolijiet attraenti bħal mudellar, jew li ser ikollhom ċans għal xi opportunitajiet edukattivi. Hekk kif jaslu fil-pajjiz ta' desitnazzjoni jsibu ruħhom sfurzati fil-prostituzzjoni jew f'xogħolijiet mhux imħallsa biżżejjed, ħafna drabi taħt kundizjonijiet ħżiena ta' xogħol.*

- Il-vittma qiegħda tagħti xi servizz obbligatorju biex tħallas xi dejn?

*Ftakar li rabta permezz ta' dejn hija forma ta' kontroll li tista' tintuża mit-traffikanti ta' persuni. Minkejja li xi każi ta' użura jkunu jinvolvu l-użura biss, jista' jkun li xi oħrajn jkunu jinvolvu reati oħra, inkluż it-traffikar ta' persuni. Vittmi barranin jiġu mġegħla jagħmlu ċertu xogħol, li ħafna drabi ma jkunx imħallas biżżejjed u jkun taħt kundizjonijiet ħżiena, sabiex iħallsu lura lit-traffikant għall-arranġamenti tal-vjaġġ lejn il-pajjiż ta' destinazzjoni li jkun għamlilhom.*

- Hemm xi sinjali fuq il-vittma li jindikaw li ntużaw xi meżżi ta' kontroll fuqha, bħal użu tal-forza jew theddid?

*Ftakar li xi wħud mill-vittmi jkunu ġew abbużati psikoloġikament għal żmien twil, bil-konsegwenza li jingħalqu fihom infushom u li jkunu mbeżżgħin. Oħrajn jkunu ġew abbużati fiżikament, u jista' jkun stuprati.*

- Ġiet użata l-vjolenza fuq il-vittma, jew ġiet mhedda li ser issirilha xi ħsara fuqha jew fuq il-membri tal-familja jew persuni fil-qrib tagħha?

*Ftakar li t-theddid huwa wieħed mil-meżżi li t-traffikant juża biex iżomm il-kontroll. Ħafna drabi, traffikanti li jkunu f'posizzjoni li jikkonvinċu lill-vittmi li jistgħu jagħmlu xi ħsara lill-membri tal-familji tagħhom, jirnexxielhom jikkontrollaw lill-vittmi mingħajr ma jkollhom jużaw ebda meżżi fiżiċi ta' kontroll, inkluż li jaqflu l-vittma.*

*Jista' jkun li każijiet bħal dawn ikunu aktar diffiċli biex jiġu identifikati għaliex dan it-tip ta' kontroll huwa miżmum b'mod sottili.*

- Jidhirlek li l-vittma ġiet miċħuda minn ħtiġijiet bażiċi, bħal kura medika u bżonnijiet tal-ħajja oħra?

*Xi vittmi tat-traffikar ta' persuni jiġu abbużati b'diversi modi, inkluż bin-negliġenza. Limitazzjoni fil-komunikazzjoni tagħhom tista' tfisser li ma kellhomx il-possibiltà li jitolbu għajnuna medika.*

- Jidhirlek li l-vittma ma kelliex il-possibilità li tikkomunika fil-libertà mal-membri tal-familja jew ħbieb tagħha?

*Ftakar li traffikant jipprova jiżola l-vittmi tiegħu biex iżomm kontroll sħiħ fuq l-ħajjiet tagħhom.*

- Il-vittma kienet qedgħa toqgħod f'post mhux xieraq jew fl-istess post fejn taħdem?

*Ftakar li xi vittmi tat-traffikar jgħixu f'residenzi f'kundizjonijiet ħżiena u xi wħud joqgħodu saħansitra f'gruppi kbar f'post zgħir. Sitwazzjoni bħal din pero', għandha titqis fid-dawl ta' ċirkostanzi oħra li tkun tinsab fihom il-vittma allegata, peress illi tista' wkoll tinħoloq f'każijiet ta' immigrazzjoni illegali.*

- F'każ ta' minorenni, il-vittma ġiet imqabbda tagħmel xi xogħol mhux xieraq għat-tfal?

*It-traffikar tat-tfal huwa realtà kerha oħra. Bħalma jiġri fil-każ ta' adulti, it-tfal jistgħu jiġu mġegħla jaħdmu fil-prostituzzjoni jew jagħmlu xogħol sfurzat.*

- Il-vittma ġiet użata għal servitù domestika?

*Ftakar li xi traffikanti jillimitaw il-moviment tal-vittmi tagħhom u jużaw is-servizzi tagħhom f'kuntesti speċifiċi fejn hu faċli għalihom li jżommu kontroll. Dawn il-vittmi jiġu mġegħla jaħdmu għall-ħinijiet twal iżżejjed, u barra minn hekk ikollhom tendenza li jiġu abbużati minn forom oħra ta' abbuż li tista' tkun wkoll il-vjolenza u l–istupru.*

**Lil min għandek iċċempel jekk għandek bżonn ta' assistenza**

**Aġenzija Appoġġ, *free phone* 179**

*Aġenzija Appoġġ* hija l-aġenzija nazzjonali li tipprovdi servizzi ta' għajnuna soċjali (social welfare). Dawn is-servizzi huma provduti wkoll lill-vittmi ta' traffikar ta' persuni. F'dan ir-rigward, *Aġenzija Appoġġ* tipprovdi akkomodazzjoni u għajnuna professjonali biex jintlaqgħu kif xieraq il-bżonnijiet tal-vittmi tat-traffikar ta' persuni.

Tista' tikkuntattja l-*Aġenzija Appoġġ* fuq in-numru tal-*free phone* 179, li huwa maħsub biex jipprovdi informazzjoni u l-ewwel assistenza u għajnuna lill-vittmi.

**Il-Pulizija, ċempel '*Crime Stop*'fuq in-numru 119 u 112 f'każ ta' emerġenza**

Jekk taħseb li int vittma tat-traffikar ta' persuni , inħeġġuk tikkuntattja lill-awtoritajiet tal-Pulizija malajr kemm jista' jkun fl-ewwel ċans li jkollok: ċempel '*Crime Stop*' fuq in-numru 119 jew 112 f'każ ta' emerġenza .

Il-Pulizija ser tassigura li int tinfired mit-traffikant u jirreferuk lill-*Aġenzija Appoġġ* biex tirċievi l-għajnuna li għandek bżonn, fosthom kenn.

Jekk m'intiex vittma, imma għandek raġunijiet validi biex taħseb li persuna li taf hija vittma, huwa fid-dover tiegħek li tirraporta mal-awtoritajiet tal-Pulizija jew fuq 'Crime Stop' numru 119 jew inkella 112 f'każ ta' emergenza .

It-traffikar ta' persuni huwa reat kontra l-libertà u d-dinjità tal-bniedem – agħti sehemek biex inwaqqfuh!

## Inizjattivi kontra t-traffikar ta' persuni

### Livell Nazzjonali

Il-Gvern ta' Malta huwa mpenjat fis-sħiħ fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni, u filwaqt li matul is-snin ittieħdu numru ta' inizjattivi, l-isforzi ġew intensifikati wara li l-Prim Ministru innomina Koordinatur Kontra t-Traffikar ta' Persuni kif ukoll Kumitat ta' Monitoraġġ Kontra t-Traffikar ta' Persuni. Barra minn hekk, Grupp ta' Ħidma magħmul minn partijiet interessati (stakeholders) fuq livell operazzjonali ġie imwaqqaf wara li ġie adottat Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni Kontra t-Traffikar ta' Persuni.

Bħalissa l-Koordiantur u l-Kumitat qegħdin jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-ewwel Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni ta' Malta, li jkopri mir-raba' kwart tas-sena 2011 sar-raba' kwart tas-sena 2012.

Il-Gvern qed jiġi assistit ukoll mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) fl-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni.

Diversi inizjattivi ttieħdu biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni, fosthom il-ħolqien ta' unità speċjalizzata dwar il-"Prostituzzjoni u t-Traffikar ta' Persuni" fi ħdan l-Iskwadra Kontra l-Vizzji tal-Pulizija u programmi ta' taħriġ għall-partijiet tal-Gvern interessati (government stakeholders) u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (*NGO*s) involuti fis-settur.

Barra minn hekk, il-Kumitat ta' Monitoraġġ approva b'mod formali l-Mekkaniżmu ta' Riferiment tal-Vittmi għal Malta, li qed iwassal biex il-proċess li bih il-vittmi ta' traffikar ta' persuni jingħataw assistenza ikompli jiġi formalizzat.

Azzjonijiet oħra qed jittieħdu sabiex l-proċess ta' riferiment tal-vittmi ikompli jiġi formalizzat u elaborat , kif ukoll biex titqajjem il-kuxjenza fuq ir-reat tat-traffikar ta' persuni.

Il-Pjan ta'Azzjoni jinsab fuq dan is-sit:

http://mjha.gov.mt/MediaCenter/PDFs/1_Action%20Plan%20Trafficking.pdf

### Fuq il-livell tal-UE

Ġie appuntat Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar ta' Persuni biex jissorvelja s-sitwazzjoni dwar it-traffikar tal-persuni fuq il-livell Ewropew. Isiru regolarment laqgħat mar-rapporteurs nazzjonali tal-Istati Membri.

Fl-2003, il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar t-Traffikar ta' Persuni ġie mwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea. L-għan tal-Grupp hu li jipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea kompetenza u parir dwar l-approċċ li għandu jittieħed fir-rigward tat-traffikar ta' persuni.

Matul is-snin, il-Grupp ta kontribut sostanzjali għall-iżvilupp ta' politika attiva kontra t-traffikar. Fl-2007, l-iskop tal-Grupp ġie estiż biex jadatta ruħu għall-iżviluppi ġodda fil-qasam kontra t-traffikar. Dan jinkludi bidliet li joriġinaw mit-tkabbir tal-UE u mill-bżonn li jkun hemm kompetenza speċifika fil-qasam tat-traffikar għal sfruttament ta' xogħol.

Is-sit relatat ma dan huwa:

http://ec.europa.eu/anti-trafficking/index.action?breadCrumbReset=true

L-UE adottat ukoll l-istrateġija tagħha kontra t-traffikar ta' persuni u aktar informazzjoni tinsab fuq:

http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=MEMO/12/455&format=HTML&aged=0&language=EN&guiLanguage=en

Leġislazzjoni tal-UE dwar dan is-suġġett tista' tiġi kkonsultata kif ġej:

**DIRETTIVA 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu**

http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:101:0001:0011:MT:PDF

**DIRETTIVA 2004/81/KE: dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti**

http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=DD:19:07:32004L0081:MT:PDF

**Fuq il-livell Internazzjonli**

Diversi organizazzjonijiet internazzjonali żviluppaw programmi u kompetenza fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu. Informazzjoni rilevanti tinsab fuq is-siti li ġejjin:

- Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, ILO:
- (http://www.ilo.org/global/lang--en/index.htm)

- Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, IOM
- (http://www.iom.int/jahia/jsp/index.jsp)

- Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, OSCE
- (http://www.osce.org/)

- Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, UNODC

- (http://www.unodc.org/)

- Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal, UNICEF
- (http://www.unicef.org/)

Il-Gvern tal-Istati Uniti ilu mill-2001 li involva ruħu b'saħħa fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni. Ir-Rapport tat-Traffikar ta' Persuni (TIP) http://www.state.gov/j/tip/rls/tiprpt/) huwa l-għodda ewlenija ta' diplomazija li l-Gvern tal-Istati Uniti għandu biex jinvolvi gvernijiet barranin oħra fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' persuni. Dan ir-rapport jirrappreżenta waħda mir-riżorżi l-aktar komprensivi tal-isforzi governattivi kontra t-traffikar ta' persuni. Dan jirrifletti wkoll l-impenn li ħa l-Gvern tal-Istati Uniti f'dan il-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-infurzar tal-liġi. Jirrappreżenta wkoll viżjoni aġġornata u globali tan-natura u l-iskop tat-traffikar ta' persuni u l-firxa wiesgħa tal-azzjonijiet li l-gvernijiet qed jieħdu biex jiffaċċjawh u jeqirduh.